**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' April 2024**

**Rikors Guramentat nru: 147 /2022 AGV fl-ismijiet**

**RB**

**vs**

**KB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' RB** fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-6 ta’ Lulju 1996, biż-żwieġ iċċelebrat ġewwa l-Kappella ta’ Ħal Far.

2. Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet għandhom tifla CB li llum hija maġġorenni.

3. Illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli peress li ż-żwieġ tkisser irremedjabilment u dan minħabba offiżi gravi u vjolenza morali tal-intimat kontra l-attriċi, kif ukoll il-karattru diffiċli tal-intimat kif ser jiġi ppruvat fis-smiegħ tal-kawża.

4. Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati mis-sajf tas-sena 2021 meta r-rikorrenti kienet kostretta li tallontana ruħha mid-dar matrimonjali.

5. Illi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti jikkonsistu primarjament fid-dar matrimonjali No. 4, Flat 3, Triq Habberxa, Marsaskala, vetturi, u kontijiet bankarji, u bħala passiv hemm bilanċ bis-self bankarju gravanti l-istess dar matrimonjali.

6. Illi l-intimat qed jippretendi li r-rikorrenti ċċedi sehemha mid-dar matrimonjali minkejja li din inxtrat fiż-żwieġ b’assi tal-komunjoni tal-akkwisti u minkejja diversi tentattivi sabiex il-partijiet jaslu għal ftehim bonarju, ir-rikorrenti kienet kostretta tintavola dawn il-proċeduri kawża tal-intransiġenza tal-intimat u għalhekk r-rikorrenti m’għandiex tbati l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri.

7. Illi r-rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex tipproċedi għal-kawża ta’ separazzjoni personali kontra l-intimat u dana skond id-digriet tat-13 ta’ Mejju 2022 li jġib in-numru 302/22 li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata **Dok. A**.

8. Illi hija taf dawn il-fatti personalment.

**Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi B  għal raġunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut.

2. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tgħix separatament minn żewġha l-konvenut.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet konjugi B .

5. Tillikwida l-oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, okkorendo b`opera ta` periti nominandi, u taqsam l-istess komunjoni f`’żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati, waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimat, b’dana illi jigu applikati s-sanzjonijiet imsemmija fit-tielet talba.

6. Tordna li d-dar matrimonjali tinbiegħ fuq is-suq ħieles fi żmien li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni tal-imsemmi fond f'każ li jirriżulta li dan ma jistax jiġi komodament diviż.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt għas-subizzjoni.

Rat is-sentenza ta’ dina l-Qorti datata 14 ta’ Dicembru, 2022, fejn ordnat l-isfilz tar-Risposta tal-konvenut stante li huwa kontumaci.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti**.**

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

## Fatti

1. L-attrici tghid li meta ltaqghet mal-konvenut kellha tmintax-il sena u l-gherusija kienet tajba, minkejja li l-konvenut kien ighir ghaliha. Ma tantx kienet tat kaz ghall-argumenti li kien ikollhom minhabba li hasbet li dan kien minhabba li kellhom relazzjonijiet difficli fil-passat.

   Tghid li kienu damu gharrajjes ghal xi tlett snin u fl-1996 kienet harget tqila bit-tifla C u ddecidew li jizzewwgu. Ghamlu zmien ighixu mal-genituri taghha, imbaghad hadu self mill-bank sabiex xtraw l-appartament 4, Flat 3, Triq il-Habberxa, M'Skala f'Lulju, 1997.[1]

   Ghall-bidu li twieldet it-tifla kienu jghixu hajja mizzewwga normali u kienu kuntenti. Tghid li kemm qabel, kif ukoll waqt iz-zwieg dejjem hadmet u f'dan is-sens ipprezentat il-*job history* taghha.[2] Kienet ghamlet zmien tul iz-zwieg tahdem go fabbrika, izda meta ghalqet il-fabbrika kienet marret tahdem bhala salesgirl sabiex ikunu jistghu jlahhqu mal-ispejjes tal-hajja. Meta kienu hadu s-self ma tantx kellhom flus u fil-fatt meta dahlu fil-post kulma kellhom kien kcina u kamra tal-banju.

[1] Dok. RB 1
[2] Dok. RB2

Sabiex setghet tiehu hsieb il-familja, kienet sabet impjieg iehor bhala *office administrator* ghaliex anke l-hinijiet kienu ahjar. Dak iz-zmien il-konvenut kien beda jahdem gewwa fabbrika, imbaghad mar jahdem bhala suldat.

L-attrici tispjega li l-konvenut kien persuna difficli u kien jara l-affarijiet mill-perspettiva tieghu biss u ghalhekk kien difficli ghaliha sabiex tikkomunika mieghu.

Tispjega ukoll li l-konvenut kien jiffissa fil-passatempi tieghu, l-ewwel kien li jrabbi r-rettili, imbaghad il-*windsurfing* u t-tattoos u kien jispicca jonfoq hafna flus fuqhom meta lanqas kienu biss armaw id-dar.

Izzid tghid li mill-paga tal-konvenut kienu jhallsu l-*loans* tad-dar u tal-karozza, l-*insurances* ta' darba fis-sena, kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u ilma, filwaqt li hi kienet tikkontribwixxi lejn is-self u kienet tiehu hsieb ix-xiri tal-ikel u l-bzonnijiet ta' kuljum.

Fl-2006, il-konvenut kien xtara mutur u minn hemm bdew izjed problemi u dan meta l-konvenut kien beda johrog ma' klikka li kellhom il-mutur u dan wara x-xoghol, mentre hi kienet tibqa' d-dar mat-tifla. Kienet innutat li kien jiehu *helmet* iehor mieghu, imbaghad darba minnhom sabet il-kamera tieghu u meta ccekkjat ir-ritratti baqghet imbellha.[3]

Minn dawn ir-ritratti ndunat li l-konvenut kien qed jiltaqa' ma' mara ohra u ghalkemm qatt ma kkonfrontatu fuq dawn ir-ritratti kienet ikkonvincitu sabiex imorru ghand *counsellor* biex forsi jsalvaw iz-zwieg. Ghalkemm waqt il-*counselling* qatt m'ammetta li kien ikkommetta adulterju, kien

[3] Dok. RB 3

waqaf johrog bil-mutur. Minkejja li kienet iddispjacuta kienu baqghu mixjin ‘l quddiem.

Ir-relazzjoni bejniethom kienet baqghet miexja tajba u anke t-tifla kienet bdiet tikber, izda l-konvenut kien baqa’ possessiv fuqha u kien irid ikun maghha anke jekk semplicement ikun *off* u tkun hierga ma’ hutha. Meta kienet tohrog wahedha dejjem kienu jispiccaw jargumentaw u minhabba f’hekk iddecidiet li ma tohrog imkien hlief mieghu.

Hutha u l-familjari taghha kollha kienu jzommu lura milli jikkummentaw peress kienu jafu kif kien il-konvenut bhala persuna, kif ukoll kienu jafu li mhux kollox kien miexi harir fir-relazzjoni taghhom. L-istess kienet taghmel hi.

Tishaq li l-konvenut kien jammetti maghha li ma tantx kien kuntent fix-xoghol tieghu bhala suldat u dan wassal sabiex waqaf mix-xoghol u ddecieda li jiehu brejk. Peress li riedet tarah kuntent kienet accettat dina s-sitwazzjoni, anke jekk kienet taf li ser ibatu finanzjarjament.

Minn meta waqaf jahdem mas-servizz, l-attrici tishaq li l-problemi iktar kibru ghaliex filwaqt li l-konvenut kien iqatta’ l-hin tieghu d-dar jara l-films jew mal-habib tieghu tat-tpingija, kien jippretendi li meta l-attrici tigi lura mix-xoghol tqatta’ l-hin taghha mieghu. Jekk ma kinitx taccetta kienu jinqalghu l-argumenti.

Il-qofol tal-inkwiet sehh meta l-attrici u hutha kienu ser jitilghu jnaddfu post li l-familja kellhom Ghawdex, haga li kienu jaghmlu kull sena u l-konvenut beda jinsisti li ried jitla’ maghhom u ggieled ma’ oht l-attrici

ghaliex ma setghetx tifhem ghalfejn ried jitla' maghhom. Dan wassal ghal hafna glied bejn l-attrici, il-konvenut u l-familjari taghha.

Wara dan l-incident, it-tifla taghhom haditha bil-kbira u ftit wara ddecidiet li ma tibqax tghix id-dar u fl-istess waqt ir-relazzjoni mal-konvenut kienet ilha sejra lura.

L-attrici tammetti li wara dan l-incident iddecidiet li ma tibqax lura u rrabbjat mal-konvenut minflok baqghet kwieta u dan wassal sabiex l-affarijiet bejniethom aggravaw.

Kien beda jghajjarha li mhix omm tajba u li tort taghha kienet telqet it-tifla. Ta' kuljum kienet thossha f'posizzjoni fejn ma setghetx tiftah halqha ghax kien jirrabbja izjed u kien anke beda jaghmel il-ponnijiet ma' wiccha u kien ikollhom diversi kwistjonijiet simili.

Hi u t-tifla ppruvaw sabiex imorru terapija flimkien mal-konvenut, izda marru darba biss. Il-konvenut u t-tifla bdew jitkellmu ftit, izda r-relazzjoni taghha mal-konvenut baqa' l-istess.

Il-Milied 2020, il-glied zdied iktar u tul dan il-perjodu fejn l-argumenti kienu ta' spiss kienet telqet mid-dar darbtejn u kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet raqdet ghand ommha u dan peress li l-aggressivita' kienet zdiedet. Ghall-habta ta' Mejju, 2021, il-konvenut riedha titlaq mid-dar sabiex tirrifletti fuq il-problemi li skond hu kienet qalghet hi.

Kien ghalhekk li ghamlet xi xhur tghix ghand ommha. Kien ugwalment jigri warajha pero' kienet bdiet tmur ghand *counsellor*, izda l-konvenut baqa' jirrifjuta li jmur maghha.

F’Awissu 2021, l-attrici kienet accettat li terga’ tmur lura d-dar, bit-tama li l-konvenut kien inbidel, izda sa ftit wara kien rega’ baqa’ l-istess, dejjem irid jiehu r-ragun. Kien ghalhekk li l-attrici ddecidiet li terga’ tmur tghix ghand ommha u ghadha tghix hemmhekk, pero’ tghid li ghalkemm il-konvenut kien heddidha, meta sar jaf bis-separazzjoni, li ma kellhiex sehemha mid-dar matrimonjali, ma kellhiex garanzija li tista’ tibqa’ tghix mal-genituri taghha la darba m’ghandhiex jedd fuq l-istess dar.

2. **CB** , bint il-partijiet tispjega li huwa difficli li tixhed fil-kaz ta’ separazzjoni tal-genituri taghha, pero’ hasset il-htiega li ticcara z-zwieg taghhom.

   Dwar il-konvenut tispjega li huwa persuna ta’ qalb kbira li jhobb hafna bil-mod tieghu, imma fl-istess waqt ghandu hafna difetti fil-karattru tieghu.

   Minn dejjem hasset in-nuqqas ta’ komunikazzjoni bejnha u missierha u dan minhabba l-fatt li lanqas qatt ma kien ihalliha taghti l-opinjoni taghha. Diskussjonijiet ma’ missierha dejjem kienu jispiccaw bl-ghajjat u tghajjir minn missierha. Tispjega li ghalkemm ma kienx hemm abbuz fiziku da parti tal-konvenut, abbuz verbali kien hemm kemm trid. Ghalhekk kienet iddecidiet li kien inutli li tiftah qalbha ma’ missierha.

   Tishaq li kienet konsapevoli li missierha kellu problemi fuq ix-xoghol, izda ma kienx gust imbaghad li kien jizvoga maghha u mal-attrici. Tghid li ommha mara kwieta u twajba izzejjed u kien jiddispjaciha hafna tara lil missierha jittrattaha hekk u peress li hafna drabi kienet taqbez ghaliha, il-konvenut kien ighajjarha li huma konfoffa. Dan kien wassal sabiex ikollha hafna rabja u ansjeta’ go fiha.

Izzid tghid li meta bdiet tikber indunat li l-konvenut ghandu problemi ta' paranoja, li n-nies konfoffa kontrih jew li n-nies jahsbu li huma ahjar minnu jew ighiru ghalih ghal xi raguni. Kien ha din l-attitudni lejn il-familjari tal-attrici u maz-zmien iktar beda jiggrava.

Il-problema l-ohra kienet li l-konvenut kien ighir hafna ghall-attrici u kien jippretendi li m'ghandha tmur imkien jekk ikun xoghol filghaxija. L-attrici *close* hafna ta' hutha u jekk kienet tmur kien biss s'ghand hutha u kien jinqala' ghawg kbir f'dan is-sens. Qatt ma kienet tohrog ticcacra man-nies jew tixrob.

Tinsisti li l-konvenut qatt ma nduna x'inhuma l-izbalji tieghu jew ammettihom u meta kienet tipprova tiftahlu ghajnejh minflok kien jehodha bhala offiza u jinsulentaha. Kienet anke bdiet tinduna li kien jitghazzen hafna meta waqaf mix-xoghol u kien anke kien jixrob izjed mis-soltu.

Bint il-kontendenti ttenni ukoll dwar ir-relazzjoni tajba li ghandha ma' hut ommha u kemm tirrispettahom. Tghid li dawn kienu jafu l-karattru tal-konvenut sew, izda qatt ma kienu jghidulha xejn kontrih. Maz-zmien peress li r-relazzjoni taghha ma' missierha kienet iddeterjorat, kienet anke tkellimt ma' wahda miz-zijiet sabiex tmur tghix wahedha f'appartament taghha. Izda zijtha rnexxielha tikkonvinciha ghal zmien sabiex tibqa' tghix id-dar peress li minkejja d-difetti tieghu, il-konvenut jibqa' missierha u kemm il-darba titlaq kien ser ikun aghar ghar-relazzjoni taghhom.

Tispjega li missierha kien iwahhal fl-attrici u fil-familja taghha li hi telqet mid-dar, izda tammetti li meta saret adulta, minhabba s-sitwazzjoni familjari kienet thossha wahedha u kien ghalhekk li kienet hasset il-htiega

li titkellem maz-zijiet. Missierha ma setax jifhem li llum hija adulta bl-opinjoni taghha dwar dak li esperjenzat id-dar u kien  konsegwenza t'hekk li ddecidiet li titlaq u tmur tghix ghar-rasha, partikolarment wara l-incident li sehh dwar Ghawdex.

Tammetti li missierha qatt ma fehem ir-raguni ghalfejn telqet u baqa' jwahhal fiz-zijiet. Tghid li kienet ghamlet xhur ma tara lill-attrici peress li l-konvenut ma kienx ihalliha, izda mbaghad l-attrici kienet tmur ugwalment. Imma minn hawnhekk l-affarijiet komplew jeskalaw, tant li l-attrici kellha anke tiddefendi ruhha fizikament u kien ghalhekk li ddecidiet li titlaq mid-dar ukoll.

Bint il-partijiet ippruvat izomm kuntatt ma' missierha, izda tghid meta kienu jiltaqghu kienet tkun anzjuza hafna u hafna drabi kienu jispiccaw jargumentaw. Ghall-konvenut tghid li kien iktar importanti li ttih ragun milli jkollhom relazzjoni bejniethom.

Tammetti li kien difficli ghaliha li taghti dina x-xhieda kontra missierha, izda kliemu wisq kienu jniggzu u kien difficli ghaliha li ggib ruhha qisu ma gara xejn u ghalhekk dejjem iddefendiet lil ommha li ma kienx haqqha dan it-tip ta' trattament. Tghid li meta l-attrici ddecidiet li tibda tiddefendi lilha nnifisha, fejn qabel kienet tibqa' kwieta, l-abbuz zdied.

3. **Moira Catania**, fil-kapacita' taghha ta' social welfare professional d.v. in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg tispjega li l-attrici kienet marret ghand l-Appogg fis-7 ta' Jannar, 2021, waqt *intake* ghax kien sehh incident. Tispjega li l-incident sehh minhabba li bint il-kontendenti kienet marret id-dar wara li kienet waslet minn barra u kienet imdejqa tara lill-genituri taghha jiggieldu ta' spiss.

Dakinhar il-glied kien jikkoncerna l-post t'Ghawdex tal-genituri tal-attrici u l-konvenut kien beda jinsisti li meta l-attrici titla' m'ohtha ried jitla' ukoll. Meta l-attrici riedet iccempel lil ohtha sabiex tavzaha, hadilha l-mobile u meta ppruvat tehodlu l-mobile lura sabiex tkellem lil ohtha kien pogga jdejh fuq ghonqha u biex tipprotegi lilha nnifisha tammetti li kienet gidmet lill-konvenut.

Dakinhar tal-i*ntake* tikkonferma li flimkien maghha kien hemm l-attrici kif ukoll Anthea Bonavia, social worker.

Bhala parir li jaghtu lill-attrici jinfurmawaha u jaghtuha pariri kif tista' zzomm ruhha sigura u jaghmlulha tip ta' *safety plan* biex jekk tigi biex titlaq mid-dar tkun tista' tipprotegi ruhha.[4]

4. **Andre' Bondin**, in rapprezentanza ta' Gasan Mamo Ltd. Ikkonferma li kien gie mitlub jixhed dwar il-poloz kurrenti f'isem il-partijiet. Fuq l-attrici jghid li ma rrizultawx poloz, filwaqt li fl-isem il-konvenut jirrizulta li kien hemm tlett vetturi li fosthom hemm mutur. Hemm vettura Nissan March b'numru ta' registrazzjoni ACD 04 li hija nxurjata fuq bazi c*omprehensive* u s-somma nxurjata hija dik ta' €500. Il-mutur huwa Yamaha FZX bin-numru ta' registrazzjoni YAM 250 li huwa nxurjat bhala *third party* biss.

   Imbaghad hemm Landrover Defender bin-numru ta' registrazzjoni FAJ 836 u s-somma nxurjata hija dik ta' €13,500.[5]

---

[4] Dok. MC 1
[5] Dok. AB 1 – AB4

5. **Saviour Theuma**, in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali jispjega li l-konvenut jircievi biss pensjoni tat-Tezor li tammonta ghal €1228.94 kull xahar u dan huwa *gross*.

6. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet f'isem l-attrici rrizultaw is-segwenti tlett kontijiet:-

i) Savings account 15114012018 li ghadu miftuh;[6]
ii) Savings account 40017787211 li ghadu miftuh;[7]
iii) Term deposit 40020557344 li nghalaq.[8]

F'isem il-konvenut irrizultaw zewg kontijiet li huma s-segwenti:-

i) 40013361806 savings account li ghadu miftuh;[9]
ii) 40017104975 savings account li ghadu miftuh.[10]

F'isimhom it-tnejn irrizultaw erba' kontijiet:-

i) Savings account 15111236017 li ghadu miftuh;[11]
ii) Home loan 35111236013 li ghadu miftuh;[12]
iii) Motor loan 40022722148 li nghalaq;[13]
iv) Motor loan 40023068102 li nghalaq.[14]

Irrizulta *credit card* f'isem il-konvenut li nfetah f'Awissu, 2003, kienet intilfet u nharget *card* ohra li ghadha valida sa llum.[15]

---

[6] Dok. JB 1
[7] Dok. JB 2
[8] Dok. JB 3
[9] Dok. JB 4
[10] Dok. JB 5
[11] Dok. JB 6
[12] Dok. JB 7
[13] Dok. JB 8
[14] Dok. JB 9
[15] Dok. JB 10 u JB 11

7. **Louis Buhagia**r in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-partijiet.[16]

8. **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li ma kien hemm ebda vettura rregistrata fuq l-attrici u lanqas ma kien hemm vetturi rregistrati fuq isimha fil-passat.[17]

   Ipprezenta ukoll informazzjoni dwar vetturi rregistrati f'isem il-konvenut. Fil-passat kien hemm zewg vetturi rregistrati fuq ismu.[18]

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>Responsabbilita'</u>**

L-attrici qed taddebita lill-konvenut il-htija tas-separazzjoni minhabba offizi gravi u vjolenza morali kommessi da parti tieghu, kif ukoll minhabba l-karattru difficli tal-konvenut.

Il-Qorti tirrileva li l-attrici ppruvat tizvijaha meta fis-sottomissjonijiet taghha ticcita l-Artikolu 40 tal-Kodici Civili fl-intier tieghu, mentri fil-premessi taddebita biss l-offizi gravi u l-vjolenza morali li wasslu ghat-tifrik taz-zwieg b'mod irrimedjabbli.

Dwar it-theddid u vjolenza ***"il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."*** In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

[16]Doks. LB 1 u LB 2
[17] Doks. SC1 u SC 2
[18] Doks. SC 3 – SC 4

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."*** [19]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

> ***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."*** [20]

L-attrici tattribwixxi l-problemi l-iktar minhabba l-karattru tal-konvenut, li kien bniedem ghajjur u possessiv u kien jippretendi li jmur kull fejn kienet tmur l-attrici. Kien dejjem irid li tghaddi tieghu u kien bniedem li kien difficli li tikkomunika mieghu. Bint il-partijiet, C tikkorroborra l-verzjoni tal-attrici u ghalkemm missierha huwa persuna tajba u jaf ihobb fil-mod tieghu, tikkonferma  li kien persuna difficli.

---

[19] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[20] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

Kienet issibha difficli li tiftah qalbha mieghu u jekk kienet tipprova tesprimi l-opinjoni taghha kienu jispiccaw f'argument ghaliex il-konvenut kien tip ta' persuna li kollox jifhem u trid li dejjem tghaddi tieghu.

L-attrici tirrizulta bhala persuna twajba li kienet thobb il-familja u minkejja li kellha provi li l-konvenut kien qieghed ikun ma' mara ohra meta kien johrog mal-klikka tal-muturi, dejjem ippruvat tahfirlu sabiex izzomm il-familja maghquda.

L-attrici addirittura pprezentat diversi ritratti kompromettenti tal-konvenut li ma jhallux dubbju li kien hemm adulterju lampanti kommess da parti tal-konvenut. Minkejja dan pero' dan ma wassalx ghas-separazzjoni tal-kontendenti, ghax kif diga' gie rilevat ippruvat izzomm il-familja flimkien.

Dan iz-zmien certament kien zmien difficli ghall-attrici peress li l-konvenut kien johrog u jdum barra, filwaqt li l-attrici kienet tibqa' d-dar mat-tifla.

Jekk l-attrici kienet tipprova tiftah halqha kienu jispiccaw jargumentaw u kienet tghallmet tibqa' siekta, pero' wara argument maghha u ma' ohtha dwar vjagg li kienu ser jaghmlu Ghawdex, fejn il-konvenut ried a kost ta' kollox imur maghhom, l-attrici bdiet isemmi lehinha u tirresisti lill-konvenut.

Dan wassal sabiex l-argumenti aggravaw u anke beda t-theddid. C, bint il-kontendenti tikkorrobora l-verzjoni tal-attrici u tammetti li kemm il-darba kienet taqbez ghall-ommha li ma kienx haqqha dan it-tip ta' trattament.

Kien jirridikolaha u anke jinsulentaha ta' spiss. Wara l-incident mal-familari tal-attrici, l-istess bint il-partijiet tammetti li kienet iddecidiet li titlaq mid-dar ghaliex is-sitwazzjoni kienet saret intollerabbli. Il-karattru difficli tal-konvenut jemergi iktar meta bintu stess ippruvat tfiehem lill-missierha fejn huma n-nuqqasijiet tieghu, izda min ma jitwieldix tond ma jmutx kwadru.

Kien f'dan iz-zmien li l-attrici kienet telqet mid-dar ghal xi xhur u marret tghix m'ommha. Ma kienx riedha tmur izzur lil binthom C,  izda l-attrici injoratu u bdiet tmur u konsegwentement qamu izjed problemi. Il-konvenut dam jigri waraha sabiex jirrikonciljaw, izda kien inutli, sakemm hames xhur wara regghet ippruvat tmur lura bit-tama li l-konvenut inbidel, izda kien ghalxejn.

L-aggressivita' tal-konvenut bdiet tispikka izjed meta l-attrici ddecidiet li ma tibqax pupazza tieghu. Minn hemm is-sitwazzjoni aggravat ruhha  u meta l-attrici hassitha mheddha hadet id-decizjoni li titlaq ghal dejjem, minkejja li kienet ittentat l-ahhar darba li jmorru *counselling,* flimkien bhala familja, anke addirittura ma' binthom. L-istess binthom tikkorrobora l-verzjoni attrici li l-konvenut kien bniedem li bl-ebda mod ma jammetti d-difetti tieghu u sakemm jibqa' hekk ma kienx hemm tama li z-zwieg taghhom jirnexxi.

Ghaldaqstant, jirrizulta li l-konvenut ikkometta offizi gravi u vjolenza morali fil-konfront tal-attrici.

**<u>Adulterju</u>**

Dwar l-adulterju, ghalkemm l-attrici ghamlet is-sottomissjonijiet taghha fuq dan l-estrem, fil-premessi u talbiet ma saritx referenza ghalih u ghaldaqstant dina l-Qorti mhix ser tikkunsidrah bhala estrem li wassal ghas-separazzjoni. Semmai l-istess adulterju li huwa lampanti, ghandu jigi interpretat bhala sevizzi, li ghal darb'ohra l-attrici ma kkontemplatx dan l-estrem bhala kagun tal-htija tal-konvenut.

## Dekadenza

L-attrici qiedgha titlob ukoll li l-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 sa 52 *in toto* jew *in parte*.

L-Artikolu 48 ghandu jigi applikat b'mod tassattiv fejn jirrizulta l-adulterju u abbandun u l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni jekk tapplikax jew le l-Artikoli 51 u 52 fir-rigward tal-estremi l-ohra.

Fil-kaz **MS vs Dr.Noel Bartolo et nomine**[21] l-Qorti, kif diversament ippreseduta kellha xi tghid hekk:-

> "Kif diga' rrilevat dina l-Qorti, l-attrici ma qajjmitx l-estrem tal-adulterju u ghalhekk dina l-istess Qorti ma kkunsidrahix. Ghalhekk ma tarax li jkun gust li tapplika l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili. Di piu' ma thossx li l-offizi gravi kienu tant gravi li jwasslu ghall-gustifikazzjoni tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kodici Civili. "

## Vetturi

[21] Deciza fl-1 ta' Gunju, 2022 Rikors Numru 35/2020 JPG

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kellu biss vetturi rregistrati fuq ismu u dawn jikkonsistu fis-segwenti:-

i) Land Rover Defender bin-numru FAJ 836
ii) Nissan March bin-numru ACD 049
iii) Yamaha FZ X bin-numru YAM 250

Andre' Bondin in rapprezentanza ta' Gasan Mamo Ltd. Ipproduca informazzjoni dwar il-valur tal-istess vetturi, precisament il-Land Rover Defender bin-numru FAJ 836 li tiswa €13, 500, filwaqt in-Nissan March bin-numru ACD 049 tiswa €5000.[22]

Minkejja li dwar il-mutur Yamaha, ma kienx hemm indikazzjoni tal-valur tal-istess mutur, fis-sottomissjonijiet taghha, l-attrici pprezentat informazzjoni dwar il-valur tas-suq tal-istess mutur, fejn fuq prezz medjan il-valur huwa ta' circa €1,911 u dan l-istess ammont mhux ikkontestat.

Tenut kont tal-fatt li presentement il-vetturi Land Rover Defender u l-Yamaha jinsabu fil-pussess tal-konvenut u n-Nissan March tinsab fil-pussess tal-attrici, dawn ghandhom jibqghu hekk.

Madanakollu, peress li l-konvenut qed jinzamm responsabbli ghall-htija tas-separazzjoni, is-sehem tal-attrici tal-vetturi Land Rover u l-mutur Yamaha ghandhom jitnaqqsu minn sehem il-konvenut tad-dar matrimonjali kif ser jigi spjegat iktar tard.

[22] A fol. 130

**<u>Kontijiet Bankarji</u>**

Ir-rapprezentanti bankarji xehdu fuq il-kontijiet tal-partijiet. Jirrizulta li hemm kontijiet f'isem il-partijiet rispettivament, kif ukoll kontijiet kongunti. Hemm ukoll l-house loan mal-Bank of Valletta plc. fejn ghad hemm bilanc ta' €3,717.72.

Tenut kont tal-htija tal-konvenut, ikun gust li l-attrici zzomm dawk il-bilanci fil-kontijiet bankarji taghha u l-istess il-konvenut, minkejja li ma jirrizultax li hemm ammonti kbar. Il-kontijiet kongunti ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

Dwar il-*house loan*, il-Qorti ser tippronunzja ruhha meta tiddeciedi fuq id-dar matrimonjali.

**<u>Dar Matrimonjali</u>**

Dwar id-dar matrimonjali appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u cioe' No.4, Flat No. 3, The Last Block, Triq il-Habberxa, Marsaskala l-attrici tipproponi li tigi assenjata l-istess dar, filwaqt li tghaddi sehemha lill-konvenut jew alternattivament, id-dar tinbiegh b'bejgh b'licitazzjoni.

Il-Perit Claude Mallia vvaluta l-post ghall-prezz ta' €159,600 izda rrelata li l-istess dar mhix komodament divizzibbli – " ***In view of the above reasons, in particular the eventual disparity between the subdivided portions, substandard portion Gross Floor area, substandard outlook and negative impact on the value of the portions, I hereby declare that the abovementioned property cannot be permitted to and cannot***

***accommodate subdivision without a substantial negative impact (proprjeta' mhix komodament divizzibbli) to the same property."***

Ghandu jigi kkunsidrat li l-attrici ilha tghix mal-genituri taghha u dan minhabba li l-konvenut kien sar tant intollerabbli li ma kellhiex ghazla u kellha titlaq mid-dar matrimonjali. L-istess kienet ghamlet bint il-kontendenti wara li r-relazzjoni ma' missierha kienet iddeterjorat.

Il-kontendenti t-tnejn jahdmu u ghandhom introjtu tajba ta' cirka €1,200 li jippermettilhom li jiffinanzjaw post iehor. Il-Qorti tifhem lill-attrici li tipproponi li tiehu d-dar matrimonjali u tassenja sehemha lill-konvenut, pero' dina l-Qorti tosserva li llum ilha tghix mal-genituri taghha, kif ukoll binthom tghix ghar-rasha u ghaldaqstant m'hemmx daqshekk htiega li terga' tirritorna f'dik li kienet id-dar matrimonjali.

Ciononostante, takkolji l-proposta li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh fuq is-suq miftuh u ghalhekk l-attrici ghandha tqabbad sensar jew jinhatar Perit sabiex jigi valutat il-post u sussegwentement dan jitqieghed fis-suq.

Ma ssemma xejn fuq il-mobbli u ghaldaqstant il-Qorti tipproponi li l-istess dar tinbiegh "furnished."

Il-Qorti qieset ukoll li l-konvenut huwa hati ta' dina l-firda u ghaldaqstant minn sehemhu tal-istess bejgh tad-dar matrimonjali ghandhom jitnaqqsu l-l-bilanc tal-*house loan* li ghad hemm mal-Bank of Valletta plc, kif ukoll is-sehem tal-vetturi dovuti lill-attrici.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet B  minhabba offizi gravi u vjolenza morali kommessi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tawtorizzaha tghix separatament minn mal-konvenut.

3. Tichad it-tielet talba attrici ghar-ragunijiet kif fuq imfissra.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi B .

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna l-likwidazzjoni tal-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u taqsamaha u tassenajha kif fuq imfisser.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna l-bejgh tad-dar matrimonjali fuq is-suq hieles fiz-zmien sena mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-imsemmi fond u cioe' No. 4, Flat 3, Triq Habberxa, Marsaskala.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**